**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum il-5 ta' Diċembru, 2023**

**Rikors numru: BCT/43/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)

Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.

Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

James Dalli

Vs

Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-Perit Roberta Azzopardi għall-appellant nhar l-4 ta' Settembru, 2023 b'referenza għall-penali amministrattiva mibgħuta permezz ta' ittra datata s-16 ta' Awwissu, 2023 fejn hija ppremettiet u talbet is-segwenti:

> *Naghmel referenza ghall-imejl li rcevejt fis-16 ta' Awissu 2023 fuq 39, Pearl Jam Penthouse 4, Triq Ta' Gidwet M'Scala, permess PA/6421/22, referenza BCA/P08/0173/2023.*
>
> *Jien hawn taht iffirmajt il-perit inkarigata mill-kostruzzjoni tal-hames sular u alterazzjonijiet fir-raba' sular, nixtieq nappella ghall-multa li inghatat lil James Dalli, fejn niddikjara li l-ebda xoghol ta' kostruzzjoni ma kien qied issir fil-15 ta' Awissu ghajr tindif.*
>
> *Ix-xoghol ta' kostruzzjoni tlesta bejn wiehed u iehor xahar iehor.*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

> *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*Illi preliminarjament l-esponenti Awtorità qegħda tissolleva l-fatt li tali appell ma jikkonformax mad-detti tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 stante li l-appell ma kienx akkumpanjat ma kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità, kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

*Illi fit-trattazzjoni tal-każ l-Awtorità appellata ser tkun qiegħda permezz tal-uffiċjali tagħha tippreżenta l-provi n sosten tal-penali amministrattiva;*

*Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2023, l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jittratta penali amministrattiva imposta mill-Awtorità intimata għal raġunijiet li saru xogħlijiet f'ġurnata li hija meqjusa bħala festa pubblika u ċioe nhar il-ħmistax ta' Awwissu 2023.

L-Awtorità teċepixxi eċċezzjoniji li hija ta' natura preliminari u li ghalhekk jeħtieġ li tiġi indirizzata l-ewwel.

Għar-rigward tal-eċċezzjoni numru tnejn u li permezz tagħha qiegħed jiġi eċċepit li l-appell kif intavolat ma huwiex konformi mad-dettami tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, in vista tan-nuqqas ta' kopja tad-deċiżjoni, filwaqt li t-Tribunal jisħaq u jesiġi fuq l-importanza li kull element ta' artikolu 44 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi

rispettat, dan l-istess artikolu ma jinkludix piena ta' nullita f'każ li wieħed mill-elementi indikati hemm ikunu neqsin. Inoltre, dan it-Tribunal ipoġġi s-sustanza fuq kwalunkwe formalita' u għaldaqstant ma jarax li għandha tintlaqa l-eċċezzjoni numru tnejn.

Issa li l-eċċezzjoni preliminari hija ndirizzata, it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jindirizza l-mertu u ċioe' jekk l-multa imposta hijiex waħda ġustifikata jew le.

L-appellant xehed f'dawn il-proċeduri u jgħid li dakinhar tal-ħmistax t'Awwissu huwa mar fuq il-post in kwistjoni, bħal ma jagħmel ta' kuljum sabiex jara jekk kienx hemm xi ingress ta' ilma. Huwa ikkonferma li hija sit ta' kostruzzjoni pero' sa dakinhar tal-ħmistax ta' Awwissu 2023 ix-xogħlijiet kienu ta' kostruzzjoni kienu lesti. Hu jgħid li kull ma kien qed jagħmel dakinhar huwa li kien qed jitfa xi materjal żejjed ġoċ-ċnut tal-ħitan. Ma kien qed jagħmel ebda użu ta' għodda u lanqas storbju. L-appellant ikkonferma ukoll li lanqas ħaddiema ma kien hemm fuq il-post. Hu jgħid li kien laqat xi ġebla li ġiet fil-fond sottopost.

Il-Perit tal-Appellant, Roberta Azzopardi, tgħid li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kienu lesti qabel inħarġet l-penali in kwistjoni.

Xehed ukoll Stephen Mallia bħala rappreżentant tal-Awtorità intimata fejn huwa ikkonferma li hu kien għamel spezzjoni flimkien ma' kollega tiegħu wara li kienu rċevew rapport li waqa xi ġebel fil-gallarija ta' wara. Hu ikkonferma li ma raw ebda xogħlijiet isiru pero' wasal għall-konklużjoni li fil-fatt saru xi xogħlijiet wara li rċevew l-ilment u raw li kien waqa xi ġebel fil-fond ta' min kien għamel l-ilment u ċioe l-fond sottopost.

It-Tribunal jinnota li r-rappreżentanti tal-Awtorità ma rawx xogħlijiet isiru iżda sema lill-appellant iċempel lil missieru jgħidlu biex ma jattendix fuq is-sit peress li mhux ser isiru xogħlijiet. Hu jikkonferma ukoll li ma sema ebda storbju ta' makkinarju jew storbju ieħor li juri li kienu qiegħdin isiru xi xogħlijiet. Iżda bbaża fuq dak li Stephen Mallia iddeskriva bħala evidenza ċirkostanzjali.

It-Tribunal qies dak kollu preżentat u jista' b'konvinzjoni jikkonkludi li ma ngiebet ebda prova li tista' tindika li dakinhar tal-15 ta' Awwissu 2023 kienu qiegħdin isiru xogħlijiet. Il-preżenza tas-sid fuq il-post u telefonata li huwa għamel lil missieru sabiex ma jersaqx 'l hemm ma hijiex biżejjed sabiex wieħed ikun jista' jasal fil-konklużjoni ta' dan. Minkejja li dan it-

Tribunal ma huwiex forum kriminali fejn l-oneru ta' prova għandu jkun mingħar ebda ombra ta' dubju, huwa xorta mistenni li jkun hemm l-konvinċiment u provi sostanzjali li fuq bażi ta' probabilita' jindikaw li dak il-fatt sar. Għaldaqstant it-Tribunal jemmen il-verżjoni tal-appellant li dakinhar kien qiegħed fuq is-sit iżda ma kien qed iwettaq ebda xogħlijiet li jimmeritaw l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal qiegħed jilqa' l-appell tal-appellant James Dalli u jirrevoka l-penali amministrattiva imposta mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, datata 16 ta' Awwissu 2023, li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva ta' Ħames Mitt Ewro (€500.00).

**--------------- Vera Kopja ---------------**

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |